MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Numru 17/2003

PULIZIJA
SPETTUR NEIL HARRISON
VS
BARBARA TURRA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Barbara Turra, ta’ 26 sena, bint Antonio Turra u Erminia Bettini, imwielda San Felice Del Benaco (Brescia Italia) fis-6 ta’ Lulju 1976, residenti fil-Malta University Residence, Room 215B, Lija, u detentur tal-karta tal-identita Taljana numru AH4268431 talli f’dawn il-gzejjer fid-19 ta’ Frar 2003, importat jew geghlet li tigi importata, jew ghamlet xi haga sabiex tkun tista importata f’Malta, ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis, u dan bi ksur tal-Artiklu 15A tal-kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mil-pjanta Cannabis u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tas-27 ta' Frar 2003 fejn l-imputata ammettiet ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghha il-Qorti ssib lill-imputata hatja skond l-akkuza u wara li rat Art 15A, 8(a) tal-kap 101 u Art 28A tal-kap 9 tikkundannaha ghal xahar prigunerija sospiza ghal sitt xhur.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------